MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 236/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. R. Debattista)**
**Vs**
**Nicholas Sultana**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 190978 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-7 ta' Dicembru, 2011 ghall-habta ta' 23.35 hrs bhala persuna li assuma risponsabilta tal-hanut ta' inbid, birra u xorb spirituz bl-isem Jules Bar li jinsab fi Triq Spinola, San Giljan
1) l-attivita` kummercjali li qeghda f'zona urbana, iggenera storbju li seta` jinstema minn barra l-post li jikkawza sikkatura u distorbju lil girien bid-daqq ta' muzika, b'live bands jew muzika amplifikata jew mezzi ohra bejn l-23.00 hrs u d-9.00 hrs

2) u aktar talli bil-lejl kiser il-mistrieh ta’ Anthony Lewis bi hsejjes jew ghajjat jew b’mod iehor u cioe` b’muzika b’volum gholi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Mejju, 2012, li biha wara li rat l-artikolu 338(m) tal-Kap. 9 filwaqt li lliberat lill-appellant mit-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu, sabitu hati ta’ l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ mitejn Ewruo (€200).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta’ Mejju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja, tbiddel u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi, waqt illi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ma sabitx htija fir-rigward tat-tieni imputazzjoni migjuba, thassaraha fejn dina sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza migjuba kontrih u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull piena u htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti :

1. Invalidita` tan-notifika lill-imputat

Dan l-aggravju huwa ibbazat fuq il-fatt illi il-Qorti kienet ordnat illi issir in-notifika
tal-imputat wara l-hin legali, bil-mod kif jidher mill-verbal tal-istess Qorti tad-9 ta’
Frar, 2012.

It-tahrika giet ikkonsenjata nhar il-11 ta’ April, 2012 fid-9.15 p.m.

Fl-umli opinjoni tal-esponenti pero` dik in-notifika mhijiex wahda valida ghaliex il-ligi taghmilha cara li tali procedura (ai termini tal-artikolu 363 tal-Kap IX) hija esperibbli biss f’kaz fejn il-kaz ma jkunx irid dewmien:

*363. Ic-citazzjoni ma tistax tigi esegwita bejn is-sebgha ta' filghaxija u s-sebgha ta' fil-ghodu jew fil-Hdud jew fil-vaganzi pubblici jew fil-knejjes waqt il-funzjoni religjuza, hlief meta l-kaz ma jkunx irid dewmien.*

Fil-kaz odjern, ma kien hemm ebda raguni ghalfejn il-kaz ma kienx irid dewmien.
Tassew, lanqas il-verbali ma jindikaw dana kollu.

Dak it-tip ta' digriet is-soltu jiehu il-forma ragunata li tidher bhala footnote numru 1 fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Jonathan Abela" tat-13 ta' Luiju, 2009.

L-esponenti jemmen illi, la l-Qorti iddecidiet illi taccetta t-talba ghal tali procedura eccezzjonali, kien necessarju illi jkun hemm digriet spjegattiv ta' dana kollu,u li jispjega wkoll ghaliex il-kaz ma jkunx irid dewmien.

Jirrizulta tabilhaqq illi ma kien hemm ebda tip ta' urgenza f'dan is-sens, u dana ghandu jirrizulta anki mix-xhieda tal-uffcijali tal-Pulizija.

Isegwi ghalhekk in-notifika mhijiex wahda valida skond il-ligi u dan il-fatt jivvizzja l-iter kollu tal-kawa.

Ghaldaqstant jigi umilment sottomess illi dana l-aggravju ghandu jintlaqa' ghaliex l-imputat, illum appellant, ma kienx gie vaiidament notifikat bl-akkuza migjuba kontra tieghu ghaliex ma kienx hemm raguni valida skond il-ligi biex in-notifika issir barra mill-hinijiet disposti mill-artikolu 363 tal-Kap IX.

II

Ma ngabitx prova ta' responsabilità skond il-ligi.

Dan l-aggravju huwa fis-sens illi l-imputat kellu jigi liberat minn kull piena u htija ghaliex ma hemm ebda xhieda f'din il-kawza li torbtu mal-istabiliment in kwistjoni.

F’dawn il-kawzi, fejn bniedem huwa akkuzat “bhala persuna li assumejt responsabilitâ” ghan-nom ta’ stabiliment, iktar u iktar fejn hemm akkua ai termini tas-subartikolu 38(2)(c) tar-Regolamenti dwar il-Licenzi tal-Kummeré, il-minimu li tista’ taghmel il-prosekuzzjoni huwa li jitressaq rapprezentant tal-Awtorità Maltija tat-Turizmu (MTA) biex jixhed dwar l-ezistenza o meno tal-licenza u, tenut kont tal-akkuzi, il-hinijiet ta’ awtorizzazzjoni fil-licenza.

Il-Qorti tal-Magistrati fil-fatt dejjem tillibera fejn issib li tali rapprezentant ma jigix prodott.

B’kull rispett l-esponenti ma jikkondividix ir-raguni li tat il-Qorti ghas-sejbien ta’ htija, ossia:
*Peress illi jirrizulta li l-imputat kien qal li hu kien il-persuna responsabbli fil-fond meta mar il-Pulizija PS1O3O u dan ma giex ikkontestat.*

Dana ghaliex:
-Kull imputat ghandu dritt li ma jixhidx;
-Dak li qal l-ufficjal tal-Pulizija bir-rispett kollu mhux bizejjed biex il-Qorti tasal ghal sejbien ta’ htija
-L-akkuza li l-appellant instab hati taghha hija dik ai termini tas-subartikolu 38(2) tar-Regolamenti dwar il-Licenzi tal-Kummerc, liema subartikolu, riportat in toto, jaqra hekk:
(c) bla hsara ghall-paragrafu (b), id-daqq ta’ muzika b’kull mezz gewwa post kummercjali li jkun licenzjat biex idoqq muzika amplifikata b’tali mod li jinstema’ minn barra tal-post f’kull zona huwa projbit wara l-11.00 p.m. u bejn is-1.00 p.m. u l-4.00 p.m. u nofs il-lejl fil-lokalitajiet ta’ Bugibba, il-Qawra u Paceville, kif stabilit fil-Hames Skeda, fejn id-daqq ma’ jistax jinstema’ minn barra tal-post wara s-1.00 a. m.
(sottolinear tal-esponenti)

Ghalhekk il-prosekuzzjoni kellha necessarjament tipproduci prova ta’ licenza dwar il-fond kummercjali biex l-imputat qatt jinstab hati ta’ tali akkuza.

Fin-nuqqas ta’ prova dwar licenza, l-imputat kellu jigi liberat.

Ghalhekk umilment jintalab ukoll illi dana l-aggravju ghandu jintlaqa’.

III

Irregolaritajiet serji fit-tahrikiet lix-xhud Hanaford.

Dan l-aggravju jittratta dwar it-tahrika li rcieva ix-xhud Anthony Lewis Hanaford.

Jirrizulta mill-verbal tat-3 ta’ Mejju, 2012 illi it-tahrikiet lil dan ix-xhud, kemm f din il-kawza kif ukoll f’dawk kontra Mark Anthony Iavarone decizi fl-istess jum, kienu kollha jinkludu id-data tal-allegazzjoni tal-infrazzjoni tal-imputat kif ukoll addirittura il-hin li dwaru l-akkuza tkun harget.

Dana xehdu is-Sur Hanaford stess f din il-kawza fejn ipprezenta wkoll wahda mit-tahrikiet li kien ircieva. Kopja annessa bhala dokument ‘Y’.

Dana jirrizulta wkoll mill-verbal tal-imsemmija seduta. Kopja annessa bhala
dokument ‘Z’.
L-esponenti jemmen illi il-Pulizija ma mxiet xejn sewwa meta baghtet it-tahrikiet b’dawn id-dettalji kollha lis-Sur Hanaford. Irid ikun huwa stess li se mai jiftakar id-dati jekk veru gie disturbat f’tali dati.

Il-fatt sottolineat mill-Qorti tal-Magistrati, fis-sentenza, u cioè illi is-Sur Hanaford kellu id-dati mnizlin fid-diary tieghu, bir-rispett kollu ma jfisser xejn.

Dawn l-entries setghu komodament saru wara li jkun ircieva it-tahrika mimlija bid-
dettalji tal-jum u addirittura l-hin.

L-esponenti umilment jemmen illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha takkolji dana l-aggravju fis-sens illi l-agir tal-Pulizjia illi kiteb dawn it-tahrikiet ghandu jigi ikkunsidrat illi

ivvizzja l-procedura kollha tal-kawza peress illi sehhet influwenza indebita fuq xhud principali u l-korrettezza tal-iter udizzjarju giet kompromessa.

Ghalhekk jintalab illi dana l-aggravju jintlahaq u illi l-imputat jigi liberat minn kull piena u htija.

IV

Zbalji fl-akkuza

Dan l-aggravju jittratta dwar il-fatt illi f'kull kaz qatt ma setghet tinstab htija fl-imputat ghaliex fit-tahrika:

L-istabiliment huwa indikat bhala 'Jules Bar' meta fil-fatt l-isem proprju tieghu huwa 'Juuls Bar';

It-triq tal-istabiliment hija indikata bhala 'Triq Spinola' meta l-istabiliment jinsab fi 'Triq San Guzepp' f'San Giljan.

Dana ghandu jirrizulta kemm minn semplici raffront mat-testi tas-sentenzi tat-3 ta' Mejju, 2012 stess (dawk referenti ghall-akkuzi dwar 2 ta' Ottubru, 2011, 17 ta' Settembru, 2011 , u 8 ta' April, 2012, kif ukoll mid-dokument hawn anness u markat 'F'.
Minhabba tali zbalji, l-akkuzi migjuba kontra l-appellant ma setghu qatt jintlaqghu bil-mod kif gew dedotti.

Ghalhekk, dan l-aggravju ghandu jintlaqa' fis-sens illi l-appellant ghandu jigi liberat minn kull piena u htija ghaliex bl-akkuza redatta kif inhi, qatt ma kellu jinstab hati tal-akkuzi dedotti kontrih.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Li l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li n-notifika hija invalida minħabba li din saret wara l-ħin legali.

L-ewwelnett il-Qorti nnutat li l-verbal tad-9 ta’ Frar 2012 jindika ċar li :

‘Il-Kawża ġiet differita għan-notifika wara l-ħin legali għas-26 t’April, 2012’.

L-appellant jissottometti li għaliex Qorti tal-Appell diversament preseduta kienet tat digriet dettaljat kif jidher hawn taħt:

‘Id-digriet kamerali tat-2 ta’ Ġunju 2009 jipprovdi hekk: *Il-Qorti: In vista tal-fatt li minkejja diversi tentattivi l-appellant ghadu ma jistax jigi notifikat bl-avviz tas-smigh; Wara li rat l-Artikoli 58(8)(9), 72 u 73 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili,u l-Artikoli 358(2), 362(1)(3)(4), 363, 520(1)(a) u 525(2) tal-Kodici Kriminali; Peress li hi tal-fehma li issa l-kaz ma jridx aktar dewmien: (1) tawtorizza n-notifika ta’ l-appellant*
*barra mill-hinijiet stabbiliti fl-imsemmi Artikolu 363 tal-Kap. 9, kif ukoll fil-Hdud u f’vaganzi pubblici (izda mhux fil-knejjes waqt funzjoni religjuza); (2) tordna lill-ufficjali esekuttivi taghha jmorru biex jinnotifikaw lill-appellant mhux anqas minn tlitt darbiet fil-ġimgħa,u f’hinijiet differenti, u li jkunu dejjem akkumpanjati minn Uffiċjali tal-Pulizija Ezekuttiva; (3) tordna lir-Registratur, Qrati Kriminali u Tribunali, sabiex, jekk ikun ilkaz,*
*jipproċedi skont ma jipprovdu s-subartikoli (3) u (4) tal-Artikolu 362 imsemmi. Tordna li kopja ta’ dan id-digriet jigi notifikat lill-Kummissarju tal-Pulizija’* [1].

allura jsegwi li l-Qrati huma marbuta li jagħtu xi digriet formali biex notifika ssir wara l-ħinijiet legali.
Minn eżami tal-rtikoli 363 u 364 tal-Kap 9, ma tirriżulta ebda nullita’ jekk ma jsirx xi digriet dwar notifika li għandha ssir wara l-ħin. Anzi l-artikolu 364 jgħid hekk:

‘’364. Meta l-każ ma jkunx irid dewmien, il-persuna tista’ tiġi mħarrka biex tidher minnufih jew f’ħin fiss dak in-nhar

[1] Qorti tal-Appell Kriminali 13 ta’ Lulju, 2009 preseduta mill-Imħallef Dr Vincent De Gaetano

stess. Jekk din il-persuna tonqos li tidher, hija tista' tiġi, b'mandat tal-qorti, arrestata u mressqa quddiemha.'

Barra minn dan, illum il-ġurnata il-kawżi kollha jridu jinqatgħu mill-aktar fis u għalhekk huwa f'idejn id-diskrezzjoni tal-Qorti li tiddeċiedi jekk każ jinħtiġx li jinstema' bla dewmien jew le. Żgur li l-kwistjoni ta' hemmx bżonn li każ jinstema' malajr mhux qiegħed f'idejn l-imputat jew l-appellant. Dawn qegħdin hemm biex jobdu l-ordnijiet tal-Qorti u mhux biex jiddeterminaw tali kwistjonijiet. Hija l-Qorti lit rid tara meta għal xi raġuni imputat ma jkunx notifikat bl-ewwel dehra, jekk għandhiex tieħu passi sabiex għas-seduta ta' wara l-imputat ikun debitament notifikat.

Il-liġi mkien ma tikkontempla nullitajiet. Isegwi wkoll li l-iter tal-kawża huwa regolari.

**Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad dan l-ewwel aggravju.**

**It-tieni aggravju - prova ta' responsabilita' skont il-Liġi.**

Minħabba li dan l-aggravju huwa dwar il-mertu tal-każ u minħabba li l-Qorti għadha ma semgħetx ix-xhieda, dan l-aggravju ser ikun ittrattat meta l-Qorti tiddeċiedi dwar il-mertu.

**It-tielet aggravju – Irregolaritajiet serji fit-taħrikiet lix-xhud Hanaford.**

Skont il-verbal a fol 5 u fol 20 (3 ta' Mejju 2012), l-avukat tal-appellant ivverbalizza

'li kif xehed is-Sur Anthony Lewis Hanaford f'din is-seduta stess, kemm f'din il-kawża kif ukoll fil-akwżi l-oħra li llum ingħatat deċiżjoni dwarhom konta Mark Anthony Iavarone, ix-xhud kien irċieva taħdrikiet bid-dati tal-akkużi indikati f'kull taħrika.'

Bir-rispett kollu l-fatt li persuna mħarrka biex tixhed jkollha indikata fuq it-taħrika d-data ta' meta seħħ l-inċident bl-ebda mod ma vvizzja l-proċeduri. L-importanti huwa li xhud, wara li jingħata l-ġurament, jgħid il-verita'u l-Qorti tara hux jgħid il-verita' dwar x'seħħ f'dik id-data li għandu indikata. Fuq kollox irid jixhed ukoll jekk dina hija tajba jew le. It-tfittxija għall-verita' li għandha tagħmel il-Qorti m'għandhiex tkun imfixkla b'eżerċizzji tal-memorja speċjalment f'inċidenti bħal dawn.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju wkoll.

**Ir-Raba' Aggravji – Allegati żbalji fiċ-ċitazzjoni**

L-appellant l-ewwel jirreferi għall-isem tal-Bar li hwua indikat 'Jules Bar' meta filfatt dan huwa 'Juuls Bar'.

Bir-rispett kollu, żball tal-ispelling bħal dan ma jġib ebda diffikolta' biex wieħed jagħraf il-lokazzjoni ta' fejn sar l-inċident. Il-ħoss tal-kelma jibqa' prattikament l-istess.

It-tieni, l-appellant jissottometti li t-triq tal-istabbiliment hija indikata bħala 'Triq Spinola' meta l-istabbiliment jinsab fi 'Triq San Ġużepp f'San Ġiljan.'

Mit-trattazzjoni jirriżulta li din it-Triq San Ġużepp f'San Ġiljan qegħda fit-taraġ li jiġi off Triq Spinola.

Mela t-triq fejn jinsab il-fond ma tinsabx f'xi parti fuq in-naħa l-oħra ta' San Ġiljan jew f'raħal ieħor f'Malta li m'għandu x'jaqsam xejn ma' San Ġiljan.

Il-Qorti qed tikkonkludi li l-appellant kellu informazzjoni ċara biżżejjed fuq iċ-ċitazzjoni għaxiex għandu jirrispondi u ma kien hemm ebda sopriża għax l-isem tal-bar kien spellut ħażin jew għaliex it-triq kienet fil-fatt fergħa ma' Triq Spinola u mhxu triq Spinola. U la kif indikat il-ħanut u lanqas kif kienet indikata t-triq ma joħolqu xi nullita' taċ-ċitazzjoni.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad ukoll dan ir-raba' aggravju.

Għalhekk il-Qorti qed tħalli d-deċiżjoni dwar it-tieni aggravju għal wara li tikkonsidra l-mertu bis-smigħ tax-xhieda. Qed tiċħad it-tliet aggravji l-oħra u qed tordna li jitkompla s-smigħ tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------